MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 39

[Nhar it-Tlieta t-21 ta' Marzu 2017]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Joseph Galea – Kunsillier
Graziella Schembri – Kunsilliera

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Conrad Borg Manche ippresjeda l-laqgħa.

## 39.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

39.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Viċi Sindku Ralph Mangion għandu jasal fis-6pm.
Żied illi rċieva emajl mingħand il-kunsilliera Graziella Schembri biex tkun skużata mil-laqgħa peress illi ma tiflaħx. Hu u s-Sindku ma sabu l-ebda oġġezzjoni għat-talba tagħha biex tkun skużata.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll illi l-kunsillier Joe Galea jinstab l-isptar. Il-kunsilliera kollha bagħtu xewqat sbieħ lis-sur Galea.

## 39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

39.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-handyman lesta x-xogħol fuq il-bus-stop Vilhena [ref punt 38.2.1].

39.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-handyman irranġa l-bankina ta' Gżira Road u m'hemmx bzonn anti-slip quddiem il-garrixijiet [ref punt 38.2.2]

39.2.3 Is-Sindku qal illi l-kwistjoni ta' Manwel Island se tiġi diskussa fil-kabinett [ref punt 38.2.4]. Qal illi fil-ġurnata tal-laqgħa l-Midi għamlu preżentazzjoni tal-proġett li jixtiequ jagħmlu u qal illi hemm ftit punti li ma qabilx magħhom, per eżempju li jixtiequ jużaw parti mill-fortizza bħala hotel. Il-Kunsill qabel illi jiddiskutu l-proġett fit-tul fil-ġranet illi ġejjin.

39.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm diffikultajiet bix-xewqa li t-tim tar-rugby 'Gladiators' [ref punt 38.2.5] jiġu u jibbażaw it-tim tagħhom fil-lokalita. Qal illi n-Nursery fil-fatt jużaw il-grawnd kuljum iżda bħalissa qegħdin insibu alternattiva.

39.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi minħabba l-hoarding ġewwa triq ir-Rebħa, m'hemm l-ebda possibilità li t-triq issir bil-parking fuq żewġ naħat.

Il-Viċi Sindku wasal fis-6.05pm

39.2.6 Il-kunsillier Jeremy Cardona qal illi tal-graffiti tal illi jista jagħmel ix-xogħol fejn il-Housing Estate [ref punt 38.2.9], kif ukoll illi m'hemm l-ebda kimiki projibiti. Żied illi għadu ma bagħatx l-istima li għandu jħallas il-Kunsill.

39.2.7 Il-kunsillier Neville Chetcuti [ref punt 38.2.10] qal illi hemm bzonn culling tal-ħamiem madwar il-lokalita. Il-Kunsill qabel illi nibdew nieħdu ħsieb dax-xogħol kull tlett ġimgħat.
Fuq dan il-punt il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi hemm min qed jitfa l-valenu ġewwa triq Nażju Ellul u qegħdin jiekluhom il-qtates u l-klieb, bir-riżultat illi qegħdin imutu l-annimali.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jista jara ma kuntrattur illi jista jieħu ħsieb dax-xogħol b'mod prudenti.

39.2.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill ħareġ il-permess lil ta' Rotisserie Chicken' u li dan qed jokkupa l-area fejn Manoel Island. Qal illi dan ma jistax jibqa fuq il-parking li hemm għan-nies

b'diżabilita iżda qal illi mar fuq il-post u jemmen illi hemm fejn nigwadanjaw madwar 9 parking spaces. Il-Kunsill qabel illi jsiru parking spaces iżda għandna ninfurmaw is-sidien tad-dgħajjes.

39.2.9 Il-kunsillier Neville Chetcuti kkonferma li l-Maypole mhux lest jieħu ħsieb l-attivita tal-Għid dis-sena iżda lest illi ssir is-sena d-dieħla [ref punt 38.4.4]

39.2.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ħaddiema tas-CWS għamlu x-xogħol neċessarju ġewwa Sliema Road, kif ukoll ħadu ħsieb il-parking bays ta' triq Carlo Manche. Żied illi għamlu biċċa biss għax fil-parti bejn triq il-Flotta u Ponsomby ma tantx hemm fejn nirbħu parking spaces u hemm min ilmenta li jekk ineħħu l-parking minn fejn huma, is-sidien se jsibu tgħin u ilma mal-bieb tad-dar. Rigward triq Edgar Bernard ix-xogħol għadu ma sarx għax marru fil-ġurnata tal-laqgħa iżda kellhom jieqfu minħabba l-maltemp.

39.2.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi reġa ħareġ it-tender għall-karozza, kif ukoll għall-organizattur tal-attivitajiet tal-anzjani. Il-Viċi Sindku qal illi hemm min qed isib diffikultajiet biex jitfa tenders bis-sistema l-ġdida. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi m'hemmx alternattiva u li bilforsi iridu jsiru online.

39.2.12 Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi tal-Kindred ġew u ġabru ħafna skart [ref punt 38.7.2]. Qal illi hemm pendenti biss il-qtugħ ta' ħaxix. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva stima ta' €827.03 mill-Cleansing Department biex jieħdu ħsieb ix-xogħol. Is-Sindku qal illi qabel ma nirċievu ġurisdizzjoni fuq il-post mhux se jaċċetta li nħalsu aħna. Il-Kunsill qabel illi għalissa ma ssir xejn.

## 39.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

39.4.1 Il-Kunsill rċieva talba biex triq Antonio Sammut issir one-way. Il-Kunsill qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jibgħat lil TM.

39.4.2 Is-Sindku qal illi wara l-attivita tal-20 ta' Novembru 2016, l-ITS sabu mejda nieqsa u talbu li nħalsu għall-ammont li tiswa dil-mejda. Hemm spiża ta' €345. Qal illi fil-fehma tiegħu għandna nħalsu jekk aħna responssabli. Il-Viċi Sindku staqsa min suppost kien qed jieħu ħsieb is-sigurta tal-oġġetti. Il-kunsillier Neville Chetcuti staqsa minn ġabarhom. Is-Sindku qal illi kien hemm is-security iżda meta l-kuntrattur ħa l-imwejjed lura nduna li kien hemm waħda nieqsa. Is-Sindku ppropona li nħalsu l-ammont, b'approvazzjoni ta-Kunsill.

39.4.3 Kien hemm żewġ proposti mill-event organizer għax-xhur illi ġejjin. Kien hemm talba għal €72 fix-xahar [għal għaxar xhur] għal Drama Group, u spiża ta' €540 biex isir kors tad-drama għan-Nanniet. Il-Kunsill qal illi qabel ma jsiru dawn l-arranġamenti minn naħa tal-event organizer, għandhom ikunu avżati. Il-proposti ma ġewx aċċettati sakemm ma jkunx hemm il-preżenza ta' kunsillier fil-laqgħat illi għandhom tal-Kumitat u mhux li individwu jibda jieħu kollox f'idejħ.

39.4.4 Il-Kunsill irċieva talba biex nagħtu donazzjoni ta' €100 lil MPDA [Parkinson's Disease]. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet iżda jixtieq jibgħat lid-DLG għall-approvazzjoni kiku. Il-Kunsill qabel illi fejn possibbli ngħidu lil MPDA jiġu għall-attivita tal-Kunsill u jagħmlu ġabra.

39.4.5 LifeLong Learning: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi applika għal dawn il-korsijiet:

Maltese as a Foreign Language
Health and Well-being

Dawn wara li bagħat talba lill-kunsillieri biex jibagħtu l-preferenzi tagħhom.

## 39.5 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

39.5.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija .

## 39.6 Rapporti

39.6.1 Il-Kunsill approva r-rapport tat-tender tal-Bulky Refuse

39.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ġie ndividwu li lmenta li s-sena l-oħra kellu aċċident fuq ic-Centre Strip ta' Rue D'Argens fejn qal illi peress tan-nuqqas ta' dawl baqa dieħel ġot-traffic island. Il-pulizija ma marrux fuq il-post biex jaraw il-ħsara. Il-Viċi Sindku staqsa kif hu ma rax it-traffic island iżda qatt ma kien hemm aċċidenti qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan kien diġà bagħat ir-rikwest għall-kumpens lill-Kunsill fil-bidu tas-sena 2016 izda qatt ma rċieva risposta mill-Kunsill, avolja l-ex Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill ma kienx aċċetta t-talba tiegħu. B'hekk il-Kunsill ma qabilx illi dan jieħu l-kumpens ta' €133.

39.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qara talba għal kumpens ta' €1375 minn persuna li kellu aċċident minħabba gulley maqluha ġo triq Reggie Miller. Kompla jgħid illi ma kien hemm l-ebda provi tal-ħsara u li ġie nnotifikat illi anqas hemm gulleys fit-triq. Il-Kunsill ma qabilx illi jitħallas.

39.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna talba mingħand sewwieqa li kelha ħsara fil-karozzi minħabba pothole ġewwa triq Luqa Briffa. Żied illi ndunat bil-ħsara wara għaxar t'ijiem u pulizija ma marx fuq il-post. Il-Kunsill irrifjuta t-talba tagħa.

39.6.5 Is-Segretarju qal illi f'Awwissu ta' 2015 kien hemm persuna li kellu inċident max-Xatt minħabba ħofra taħt il-bankina u li skond hu għandu 6% disability. Is-Segretarju Eżekuttiv żied illi f'April tas-sena l-oħra l-avukat tal-Kunsill kien diġà għaraf lill-avukat tall-individwu dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill u li issa erġajna bagħtna l-istess risposta. L-avukat qal illi se jiftaħ każ kontra l-Kunsill.

## 39.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

39.7.1 Ġnien: Is-Sindku qal illi tkellem ma' studenti tal-arkitettura fl-UoM u se joħorġu bl-ideat tagħhom għall-ġnien il-Gżira. Qal illi fil-fehma tiegħu għandna noħorġu expression of interest u nuzaw l-aqwa idea bħala proposta tal-Kunsill. Staqsa jekk hemm qbil illi nagħtu premju finanzjarju [ta' madwar €2000] lir-rebbieħ. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi huwa diffiċli illi noħorġu dak l-ammont bħala rigal minħabba procurement. Ta l-idea li naraw jekk il-perit hu lest jaċċetta li l-aqwa wieħed jidħol bħala intern miegħu. Il-Kunsill lest jaċċetta kull idea skond il-liġi.

## 39.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

39.8.1 Il-Kunsill m’approvax il-kontijiet tal-Perit għax

a) Hemm invoice għal xogħol illi m’għandux jaqsam mal-Kunsill
b) Jixtiequ konferma li ħadem dawk is-sigħat.

## 39.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

39.9.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għall-11 ta’ April 2017 fil-5.30pm

Konfermati, illum it-Tlieta 11 ta’ April 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |